KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tal-hamsa u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis, 20 t'Ottubru, 2011 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Abela | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza

   - Latrina tal-Pjazza Madonna ta' Loreto – Ghajnsielem Football Club gibed l-attenzjoni li l-latrina ghandha bzonn xi tibdil fil-vitien, pajpijiet, flushings u xi affarijiet ohra zghar. Il-Kunsill qabel li jara x'hemm bzonn li jsir.

   - Wirja u tellieqa bil-hin ta' karozzi antiki - L-organizzatur, is-Sur Albert Pisani mill-Federazzjoni Maltija Vetturi, jixtieq li din il-wirja u eventwalment tellieqa tibda min Ghajnsielem nhar il-Hadd 6 ta' Novembru ghal-habta tad-10.00am. Il-Federazzjoni talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tirriserva post ghal 35 vettura fil-pjazza tal-knisja jew fi Triq J.F. De Chambray, bejn id-9am sal-11am. Tul dan il-hin, il-vetturi jkunu esebiti ghal-pubbliku. Il-Kunsill approva li jsir dan u gie deciz ukoll li jitqabbad warden ghal 3 sieghat.

   - Zjara fic-Centru Civiku mis-Supretendent tal-Pulizija ghal-Ghawdex – Is-Supret. Martin Sammut zar ic-Centru Civiku, u ra l-kmamar fejn ser tigi l-ghassa tar-rahal. Huwa ghogbitu ferm u qal li ser jitkellem mal-Kummissarju biex isir il-kuntratt ta' dan il-post.

   - Xiehda l-qorti nhar id-29 ta' Settembru fejn is-Sindku xehed li nhar it-2 ta' Jannar, 2010 il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista m'ghamel l-ebda permess fl-Ufficcju tal-Kunsill ta' tpoggiha t'imwejjed u siggijiet fuq il-bankina.

   - Saret zjara mill-Enginiera Vella fi hdan l-Enemalta rigward il-kaxxa tad-dawl li twahlet mal-Kazin tal-Football – Wara diskussjoni hija ssuggeriet tlett ghazliet x'jista jaghmel il-Kunsill biex din il-kaxxa titnehha minn hemm. Hija ssuggerit li jew jibqa kollox kif inhu,

jew jitwal il-gandott ezistenti sa qrib il-Pjazzetta 10 ta' Dicembru u l-kaxxa issir hemmhekk, jew l-arblu ta' quddiem il-Kazin tal-Football jibqa fejn qieghed u l-wires tad-dawl jitilghu mieghu. Is-Sindku ghazel l-ahhar suggeriment, fejn qal li l-kaxxa tad-dawl ser tinqala minn mal hajt ta' quddiem il-kazin tal-Football peress li l-kumitat kien oggezzjona li ssir hemmhekk. Hu qal li l-ewwel ghazla ma setghetx issir ghax-il-Kunsill kellu ordni mil-MEPA biex il-*wires* tad-dawl jghaddu minn taht l-art, u it-tieni ghazla l-anqas ma kienet prattika peress l-ispejjez kienu ser ikunu kbar. Ghalhekk l-Kunsill kellu joghqod ghal l-ahhar ghazla dik li l-arblu tad-dawl jibqa f'postu u jitilghu il-wires kollha mieghu.

- Xiehda l-qorti nhar l-4 t'Ottubru – is-Sindku stqarr li huwa tela' jixhed il-qorti rigward il-plakka tal-Belvedere. Quddiem il-Magistrat, huwa kkonferma li l-plakka inqalet mill-haddiema tal-Kunsill u bhalissa tinsab fl-ufficju tal-Kunsill u wara li jittellgha il-hajt divizorju bejn il-Belvedere u l-Grand Hotel din l-istess plakka kienet ser terga' titwahhal mal-hajt kif originarjament kienet. Is-Sindku rrakkonta li huwa pprezenta ritratt ta' din il-plakka biex jarah il-Magistrat bhala komferma li l-Plakka kienet qeghda fl-ufficcju tal-Kunsill u mhux kif kien qieghed jinghad li din il-plakka kienet tkissret. Is-Segretarju Ezekuttiv kompliet tghid li hija rciviet korrispondenza minn ghand is-Sur Silvio Rapa li sal-ahhar ta' Novembru l-Belvedere u r-rampa ghandhom ikunu ghal-istat originali taghhom.

- Saret laqgha mal-arkeologista Edward Calleja, l-Perit Scerri, is-Sur Noel Grima l-kuntrattur biex jaghmel l-iskavar, is-Sindku u s-Seg. Ezekuttiv, fejn gie deciz li jekk tohrog l-approvazzjoni mis-Superintendence, ix-xoghol fuq it-tahmil ta' l-Ghajn tal-Hasselin mistenni li jibda fl-ewwel gimgha ta' Novembru.

- Saret l-applikazzjoni ghal-DNO ghal-Bethlehem f'Ghajnsielem ta' din is-sena u applikazzjoni ta' DNO ghat-tindif tal-Wied Simerat minhabba l-fondi ta' ECO Ghawdex.

- Fit-13 t'Ottubru, 2011 zar ic-Centru Civiku Dr. Joseph Spiteri, li huwa mqabbad mill-KNPD biex jaghmel *assessment* tac-Centru Civiku fejn jirrigwardja accessibilta ghal-persuni b'dizabilta'. Is-Sindku spjega kif Dr. Spiteri sab li kollox kien komformi hlief il-biebin tat-*toilets* tad-*disabled* fejn huma ftit idjaq mill-huwa mnizzel fil-gwida tal-accessibilta. Il-Kunsill ghadu qed jistenna r-rapport.

- Is-Sindku kien mistieden ghal-laqgha bis-suggett taghha Swieq fil-Berah, imsejha mis-Segretarju Palamentari l-Onor. Jason Azzopardi. Is-Sindku ha l-opportunita' biex wara din il-laqgha huwa spjega lil-Onor. Azzopardi s-sitwazzjoni fuq Ta Passi. L-Onor. Azzopardi wieghed lis-Sindku li sal-gimgha d-diehla ghandu johrog l-avviz fuq il-gazzetta tal-Gvern fejn turi li l-gvern ghandu bzonn l-art Ta' Passi u b'hekk tinhall mill-qbiela.

- Ktieb dwar l-annimali li ser jitqassam b'xejn lil-istudenti tal-year 4, 5 u 6. Talba lil-Kunsill biex €100 bhala kontribuzzjoni biex isir dan. Il-Kunsill approva.

- Ittra min ghand is-Sur Micheal Mizzi – huwa qed javza lil-Kunsill li mhux ser jgedded il-kuntratt tal-kera tal-garaxx fi-Frar 2012. Il-Kunsill qabel li ser jipprova jiehu xi garaxx mill-Iskola Primarja t'Ghajnsielem. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jikteb lid-Direttur tal-Edukazzjoni biex jara hemmx possibilta li jissellef garaxx.

- Xatt l-Ahmar – il-Kunsill ircieva l-*sceening letter* mill-MEPA ghal-applikazzjoni li ghamel il-Kunsill fuq il-progett tax-Xatt l-Ahmar. Fl-ittra jidher li hemm *enforcement* fuq l-post fejn wara stharrig mis-SE rrizulta li dan l-*enforcement* sar fuq d-*diving belvedere* li ghamel il-Ministeru ghal-Ghawdex fis-snin l-imghoddija. Hija qed tikkomunika mad-Direttur Manuel Tabone mill-Ministeru ghal-Ghawdex fuq din l-applikazzjoni, fejn ghandha issir laqgha mal-MEPA u mal-partijiet koncernati. Il-Kunsill approva li jithallas l-ammont ta € 11,704.79 biex ikompli l-process tal-applikazzjoni.

- Mepa – is-Sindku qara l-enforcements u *notifications* li harget l-MEPA dan l-ahhar fir-rahal t'Ghajnsielem.

4. Bethlehem f'Ghajnsielem

Is-Sindku spjega kif din is-sena kien hemm hafna problemi biex isir Bethlehem f'Ghajnsielem minhabba l-*enforcement* li nhareg mill-MEPA. Minhabba din is-sitwazzjoni, applikazzjoni b'DNO ma setghetx issir ghax kien jigi rifjutat. Is-Sindku qal li kemm is-Segretarju Parlamentari ghal Kunsilli Lokali u l-Ministru ghal Ghawdex ghogobhom li jghinu biex tigi solvuta din il-problema. Hu qal li nhar l-4 t'Ottubru, il-Ministru ghal-Ghawdex cemplitlu fejn qaltlu li fil-Ministeru kien hemm is-sur Lawrence Vassallo u s-Sur Silvio Farrugia mill-MEPA u xtaqet li dawn izuru Ta' Passi dak il-hin stess. Is-Sindku spjega lill-Ministru li hu ma setghax imur fuq il-post maghhom ghax kien il-qorti biex jixhed. Ghalhekk il-Ministru issuggeriet lis-Sindku li jmur s-sur Franco Ciangura mas-sur Vassallo u s-sur Farrugia u jispjega kollox bis-sitwazzjoni ta' Passi rigward Betlehem f' Ghajnsielem. Infatti, hija stess cemplet lis-Sur Ciangura. Wara din iz-zjara fuq il-post, l-ghada saret laghqa b'urgenza gewwa Kastilja fejn attendew is-sur Vassallo, is-sur Farrugia li hu rapprezentant mill-ufficcju tal-Prim Ministru, is-CEO tal-MEPA flimkien mas-sinjura Claire Xuereb mil-Ministeru ghal Ghawdex. F'din il-laghqa gie deciz li l-gurnata ta' wara dawn ir-rapprezentanti jergghu jiltaghqu fl-ufficcju tal-MEPA l-Furjana. Is-Sjr Xuereb, mill-Ministeru ghal Ghawdex tellghet maghha diversi ritratti tal-post Ta' Passi li kienu ttiehdu kmieni dak in-nhar stess biex turi li ma kien hemm xejn specjali li l-*enforcement order* m' ghandux jaqa. Fil-fatt gie deciz f'din il-laghqa li l-*enforcement order* ghandu jaqa u ssir applikazzjoni ta' DNO mil-Kunsill fuq Bethlehem f'Ghajnsielem. Gie deciz ukoll li wara xahar minn mindu johrog il-permess tad-DNO l-Kunsill ghandu jerga japplika ghal DNO iehor fuq l-istess titlu biex dan iservi ghal 3 xhur sabiex ikun jista jinghata cans li jizzarma kollox. Dan ghandu jsir wara li kellu jkun hemm amenda fuq il-*polices* tad-DNO. Is-Sindku spjega kif minhabba li l-ghar kellu jaqa, u li l-Fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem prattikament bdiet bix-xoghol xahar tard, x-xoghol fuq dan l-ghar irid jinbeda bil-fors b'fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ser jipprova jsib

bennej li jkun lest li jibni dan l-ghar b'madwar €1,400 biex b'hekk tkun tista tohrog *direct order.*

Ftuh ufficcjali – il-Kunsill qabel li din is-sena jinfetah nhar il-Hadd, 11 ta' Dicembru wara nofs inhar. Is-Sindku ssugerrixxa li din is-sena jerga jinfetah mill-Prim Ministru fejn il-prezenti qablu unanimament.

Is-Sindku gharraf lill-prezenti li l-Fondazzjoni Betlehem f'Ghajnsielem hadet xi fondi mill-Eko Ghawdex, fejn parti minn dawn il-fondi inxtraw hafna viti u msiemer kif ukoll ghodda ghal l-uzu tal-Bini ta' Bethlehem f'Ghajnsielem. Apparti dan, l-ispejjez ghar-reklamar kollu fuq Betlehem f'Ghajnsielem ser isir ukoll kollu mil-fondi ta' din il-Fondazzjoni. Spejjez ohra li l-fondazzjoni ser tohrog huma ghamara ta' l-injam ghal gonna publici, *railings* ta' l-injam, bins, kif ukoll affarijiet ohra konness ma' dan il-progett. Gie deciz ukoll li biex il-Kunsill jibda jiffranka l-flus ghal din l-attivita, li bdiet issir kull sena, ghandu johrog tender ghal tip ta' materjal tajjeb u li jservi ghal-isqfa kollha tal-kmamar u l-ghar. Dan it-tip ta' materjal hu maghmul minn jablo iebes miksi biz-zingu miz-zewg nahat. B' dan il-mod issir anqas hsara meta jizzarma, u jkun aktar facli li jintrama. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir quotation fuq plastic u membrane sabiex tkun tista issir temporanjament ghadira zghira.

5. Lokalitajiet Sostenibbli

Is-Sindku tkellem fuq il-laqgha important li saret bejn il-Kunsill, u s-Sinjura Eilis McCullough mill-Kumpnija ADI, fejn gie ipprezentat d-Draft Plan. Is-Sindku kompla jghid li wara li saret diskussjoni duq id-*Draft Action Plan*, dawk prezenti li attendew ghal din il-laghqa kellhom l-opportunita li jzidu, jirrangaw jew inaqqsu minn dak li kien gie ipprezentat mil-ADI. Ghal-din il-laqgha attenda l-Kunsill kollu apparti s-Sur Mercieca. Wara diskussjoni twila fuq l-Action Plan, saru xi korrezzjonijiet kif ukoll zdiedu affarijiet ohra ma dak li hejjew il-Kumpanija ADI.

Is-Sur Joe Camilleri ma qabilx mal-punt li hafna mill-affarijiet li hemm imsemmija fl-*action plan* li ghamlu l-kumpanija ADI, kienu ga ssuggeriti fil-laqghat precidenti tal-Kunsill u ghal-diversi ragunijiet dawn ma setghux isiru.

Il-Kunsill qabel li jigu printjati 10 kopji tar-rapport shieh, fejn ikunu maqsuma 5 bil-Malti, u 5 bl-Ingliz. Ser jigi mhejji *booklet* zghir, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliz, fejn ser ikunu murija l-azzjonijiet importanti. Il-Kunsill qabel li wara li jigi mghoddi dan il-booklet, igib stima biex jiprintja u jitqassam kopja ghal go kull dar.

6. Avvizi ta' *Tenders/quotations*:

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet lil prezenti l-avvizi tat-tenders/quotations li ser johorgu l-gimgha d-diehla.

- Tender ghal-provista ta' *roof sheet foam panels*
- Tender ghal-provista ta' ghamara fic-Centru Civiku
- Kwotazzjoni ghal xiri ta' jigger
- Kwotazzjoni ghal-provista ta' mobile toilets tul ix-xahar ta' Bethlehem f'Ghajnsielem
- Kwotazzjoni ghal-xiri ta' A4 *brochure stands*
- Kwotazzjoni ghal plastic u membrane
- Tender ghas-siggijiet tal-ufficcju fic-Centru Civiku
- Tender ghal-servizzi t'Accountant

Il-Kunsill qabel ma dawn l-avvizi.

7. Serata b'risq il-Community Chest Fund

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti li hija talbet lill-Arcipriet tar-rahal biex issir din is-serata nhar it-18 ta' Novembru, 2011. Huwa laqa t-talba tal-Kunsill, izda f'dik il-gurnata s-sala diga hija bbukjata. Ghalhekk huwa ssuggerixxa li din is-serata issir nhar il-25 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li s-serata issir fil-25 ta' Novembru, u qabel ukoll li juza l-PA system tas-sala ghal-prezz ta' €65. Is-sur Joe Camilleri offra li jkun responsabli minn din is-serata u ser jiehu hsieb il-programm huwa. Kulhadd qabel ma dan.

8. Pjazza Madonna ta' Loreto

Il-Kunsill qabel li jibghat e-mail lil Avv. Tatiane Cassar fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex, fejn jinformaha li l-Kunsill iddecieda li ser jaghti cans sal-ahhar t'Ottubru biex l-Arcipriet jaghti lil-avukata l-kuntratti tat-titolu tal-art tal-Pjazza. Jekk jibqa ma jressaq xejn, il-Kunsill ser johrog stqarrija lil-poplu t'Ghajnsielem fejn juri l-fatti. Hawn is-Sindku qal li issa kien wasal iz-zmien li tittiehed decizjoni ta' malajr fuq il-progett tal-pjazza u ma jistax ikun li nibqghu nissaportu aktar. Hu kien tal-fehma li l-Kunsill ghandu jiccekkja mal-Lands Department u jaghmel ricerka fuq il-pjazza jekk kienx hemm xi tip ta' kuntratt bejn il-Gvern Centrali u l-Kappillan meta bdiet tigi iffurmata l-pjazza, fejn qabel din kienet taghmel parti minn wied. Hu qal li din ir-ricerka ghanda ssir fuq dawk il-Kapplillani li kienu servew fil-parrocca ta' Ghajnsielem mil-bidu li kien beda x-xoghol fuq il-pjazza mil-Gvern Centrali. Is-Sindku kompla jghid li ser ikun hemm xi spejjez lid-Direttur ghar-Registru Pubbliku sabiex issir din ir-ricerka, skond kemm ikunu saru kuntratti bejniethom. Il-Kunsill qabel li ghanda ssir din ir-ricerka.

9. Programm ta' Soft Ball

Is-Segretarju Ezekuttiv resqet il-proposta tas-Sur Joseph Scicluna, fejn huwa qed jipproponi li ssir attivita kull nhar ta' hadd ghat-tlett xhur li gejjin, li jibdew minn Novembru. Din l-attivita ghanda tkun direttament ghat-tfajliet tar-rahal, mil-eta ta' 12 – 14 il-sena. Huwa qed jissuggerixxi li l-sport ghandu jkun is-soft ball, peress li dan it-tip ta' sport huwa minghajr

periklu u socjevoli hafna. L-ispejjez ser ikunu madwar €900, li jinvolvi xiri tal-*equipment* biex ikun jista jintlaghab dan l-isport. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

10. Mozzjoni Joe Camilleri

"Nixtieq inressaq mozzjoni biex tingibed l-attenzjoni tal-kumpaniji li jipprovdu l-antennas tal-Mobile. Dawn qed jikkrejjaw hsarat fl-apparat eletroniku tar-residenti fil-vicin ta' dawn l-antennas. Barra dan, dawn ir-residenti qed jghidu li dawn l-antennas qed jikkrejaw hsara fis-sahha taghhom. Nitolbu li tinghatalna bil-miktub dak li qed jallegaw ir-residenti hux minnu jew le".

Is-sur Camilleri spjega li huwa gie avvicinat mir-residenti tat-Triq il-Gnien, specjalment z-zona ta' fejn twahlet dan l-ahhar l-antenna tal-mobile biex il-kunsill jiehu xi tip t'azzjoni f'dan ir-rigward. Is-Sur Larry Buttiegieg issekonda din l-mozzjoni.

Il-Kunsill qabel li jibghat ittri lil-kumpaniji Go u Vodafone, fejn jitlob ghal din il-kjarifika.

11. Gieh Ghajnsielem

Is-Sindku fakkar li x-xahar li gej, issir l-ghazla ghal-persuna li jixraqilha tiehu/jiehu Gieh Ghajnsielem 2011. Ghalhekk huwa heggeg lil prezenti jinnominaw lil xi persuna fil-laqgha tax-xahar ta' Novembru.

12. Reception Desk

Il-Kunsill qabel ma l-evalwazzjoni li ta l-Perit Godwin Sultana fuq it-tender tar-Reception Desk, fejn huwa ssugerixxa li t-tender ghandha tinghata lis-Sur Mario Refalo. Ghalkemm it-tender ta' Fino hija madwar €400 irhas, dan ma mexiex ma l-*ispecifications* mahruga mill-Kunsill b'mod partikolari fejn jidhol il-materjal tal-wicc tad-Desk. Ghalhekk, il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Ezekuttiv biex tinforma lil-partijiet ikkoncernati bid-decizjoni sabiex ikun jista jibda x-xoghol minnufih.

13. Materji ohra

Joe Camileeri –

- Unloading/loading bay fil-Pjazza Madonna ta' Loreto – il-Kunsill approva li ssir l-applikazzjoni ghal-dan il-parkegg.

- Bankina quddiem ic-centru tal-Patrijiet fit-Triq Sant' Antnin – ser issir mic-CMU

- Quddiesa b'risq il-vittmi tal-gwerra – gie deciz li din is-sena ghandha issir nhar it-13 ta' Novembru, 2011. Is-sur Joe Camilleri talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex tiehu hsieb u tavza lil-Arcipriet li din is-sena ser issir fil-Knisja tal-Madonna ta' Loreto fil-quddiesa tal-10am. Nghidu lil-Arcipriet biex iheggeg lill-qraba tal-vitmi u jgib avviz fuq il-Bulettin biex jattendu ghal din ic-cerimonja u jgibu kuruna fejn titpogga fuq il-Monument tal-Gwerra b'sinjal ta' tifkira.

Larry Buttigieg

- grada nizlet minn wicc it-triq, fit-Triq Sant' Antnin ( mill-Grand Hotel l-isfel) – is-Sindku ser jiehu hsieb li jinforma lill-awtorita koncernata biex din titranga peress li din kienet qeghda fi triq arterjali. B' hekk jitnehha kull periklu li jista jikkrea lill vetturi u muturi.

Stephen Mercieca

- staqsa rigward *double yellow line* fi-Triq il-Barumbara - is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li hija ddiskutiet din it-talba mal-ufficjal minn T.M. fejn gie deciz li peress li t-talba ta' dawn id-*double yellow line* ser isir quddiem residenza privata ohra, il-Kunsill ghandu jgib bil-miktub min ghand din ir-residenta li hija tapprova li jsiru dawn id-*double yellow lines*. Ghalhekk gie deciz li s-Sur Mercieca ghandu jitlob ghal din l-approvazzjoni bil-miktub minn ghand is-sid li ser jinzebghu dawn il-liji quddiem ir-residenza tieghu, u jekk igib din l-approvazzjoni ssir it-talba lill T.M. ghal-approvazzjoni taghha.

Peter Caruana

- Quddiem it-tarag fit-Triq Mgarr li jaghti ghal Triq Manuel De Vilhena – saru xi xogholijeit fit-Triq ix-Xatt, fejn id-double line li kien hemm tnehha. Dawn ghandhom jergghu jsiru. Il-Kunsill qabel ma dan.

- Harruba fil-Belvedere quddiem il-Grand Hotel u harruba fit-Triq Gudja – jigu mizbura

Il-laqgha ntemmet fit-5.00pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar l-Hamis 17 ta' Novembru, 2011 fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv